MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 618/2004

**Dominic Muscat**

**Vs**

**Louis Azzopardi u Monica Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta’ Marzu 2004 li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma t’elf Liri Maltin (Lm1000) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ twieqi ta’ l-injam debitament ordnati mill-konvenuti u mahduma mill-attur, bilanc li ghadu ma thallasx minkejja d-diversi talbiet ghal dan il-ghan maghmula mill-attur, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-istess Avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuti tat-23 ta’ Gunju 2004 li biha eccipew illi t-talba ta’ l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjanti ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti sollevata fis-seduta tal-15 ta’ Frar 2005, fejn gie ecceppit illi l-azzjoni atturi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16;

Ra x-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet u mix-xhieda mressqa;

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2005 wara t-trattazzjoni tal-partijiet, u li l-kawza baqghet ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni ta’ preskrizzjoni wara illi fis-seduta tal-11 ta’ Jannar 2006 il-partijiet regghu ittrattaw il-kaz stante bdil fil-gudikant li jippresedi dan it-Tribunal;

Ikkunsidra :

Illi dan it-Tribunal irid jiddeciedi biss u limitatament dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ibbazata fuq l-Artiklu 2148(a) tal-Kap 16, li tghid illi:

L-azzjonijiet tal-hajjata, skarpan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew il-materjal li jfornu – jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta’ tmintax il-xahar.

Illi l-konvenut Louis Azzopardi bil-gurament tieghu jikkonferma illi ma ghandu jaghti xejn lill-attur (fol 44);

Illi l-attur Domenic Muscat ighid illi x-xoghol de quo “bdejtu ftit wara d-data illi hemm ndikata f’dik l-istima” (fol 19) – cioe’ ftit wara l-2 ta’ Mejju 2000;

Illi Anthony Muscat (fol 28) ighid illi x-xoghol de quo hadmu hu u beda jahdem fuq l-ordni “ftit gimghat wara”, u dam jahdimha “madwar xahrejn tlett xhur.”

Illi Ian Muscat (fol 27) ighid illi "morna niehdu l-qisien… madwar erbgha, hames snin ilu u kien wara nofs in-nhar. Ma niftakarx ezatt meta bdejna nahdmu fuq dan ix-xoghol, izda kien xi ftit zmien wara. Ma niftakarx ezatt meta lestejna x-xoghol, izda kien madwar hames xhur wara li bdejna."

Illi wara li nghatat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, regghu xehdu l-istess xhieda atturi u lkoll ttantaw jibdlu l-verzjoni originali taghhom;

B'dana kollu it-Tribunal ihoss illi ghandu jistrieh fuq il-verzjoni atturi originali u jqis mhux kredibbli t-tieni verzjoni tax-xhieda ta' kull wiehed mitt-tlett xhieda atturi.

Illi tenut kont dak hawn fuq msemmi u kkwotat u tenut kont illi ma ngiebet ebda prova da parti ta' l-attur illi b'xi mod legittimu u kif trid il-ligi, il-preskrizzjoni sollevata giet interrotta jew miksura, it-Tribunal ma jistghax ma jsibx illi l-eccezjoni ta' preskrizzjoni hija giustifikata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal b'ekwita' jaqta u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti fil-15 ta' Frar 2005 u jiddikjara l-azzjoni attrici odjerna bhala preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------